

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

10222/25

ECOFIN 780  
UEM 290  
*ECB*  
*EIB*

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| fi:      | 12 ta' Ġunju 2025                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Ir-Rapport Speċjali Nru 07/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – Ikkontribwixxa b'mod sostanzjali biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investment, iżda ma kienx laħaq kompletament il-mira ta' EUR 500 biljun fl-ekonomija reali sa tmiem l-2022"<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12.06.2025) |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – Ikkontribwixxa b'mod sostanzjali biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investment, iżda ma kienx laħaq kompletament il-mira ta' EUR 500 biljun fl-ekonomija reali sa tmiem l-2022", adottati mill-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-12 ta' Ġunju 2025.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**dwar**

### **ir-Rapport Speċjali Nru 07/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

**"Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – Ikkontribwixxa b'mod sostanzjali biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investiment, iżda ma kienx laħaq kompletament il-mira ta' EUR 500 biljun fl-ekonomija reali sa tmiem l-2022"**

#### **IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali Nru 07/2025 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti"). IFAKKAR li t-Trattati jikkonferixxu lill-Qorti l-eżami tal-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Unjoni u JENFASIZZA r-rwol tal-Qorti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
2. JINNOTA li l-awditu kopra l-operazzjonijiet tal-FEIS mit-tnedija tiegħu fl-2015 sa tmiem l-2022 u eżamina jekk: (1) ġiex stabbilit u applikat approċċ sod biex jiġi stmat l-investiment mobilizzat; (2) intwerietx biżżejjed l-addizzjonalità tal-FEIS; (3) ġietx immonitorjata u rrappurtata kif xieraq il-prestazzjoni tal-FEIS. JINNOTA li l-awditu ffoka b'mod partikolari fuq it-tieqa għall-SMEs, filwaqt li kopra wkoll l-operazzjonijiet taħt it-tieqa għall-infrastruttura u l-innovazzjoni.
3. JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat jew aċċettat parzjalment il-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

4. JILQA' l-konklużjoni tal-Qorti li l-FEIS ikkontribwixxa b'mod sostanzjali biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investment li segwiet il-kriżi finanzjarja tal-2007-2008, li kienet stmata li naqset b'madwar 15% bejn l-2007 u l-2014. IFAKKAR li l-FEIS kien jikkonsisti f'mekkaniżmu ta' garanzija mfassal biex iżid il-kapaċità ta' rfiġ tar-riskji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u kien maħsub biex jimmobilizza EUR 500 biljun f'investment addizzjonali permezz ta' operazzjonijiet approvati qabel tmiem l-2020, li kellhom jiġu ffirmati qabel tmiem l-2022. JIRRIKONOXXI s-suċċess tal-istrument fl-użu effiċjenti tal-baġit tal-UE biex jiġi mobilizzat l-investment.
5. JINNOTA s-sejba tal-Qorti li l-kalkolu tal-investment mobilizzat mill-Kummissjoni kien iddikjarat b'mod eċċessiv u JENFASIZZA l-importanza ta' stima preċiża tal-impatt tal-FEIS.
6. JIRRIKONOXXI li s-sors ewlieni ta' diverġenza fl-istimi tal-ammonti mobilizzati jikkorrispondi għal differenzi metodoloġiċi fil-kalkolu tal-finanzjament mobilizzat lir-riċevituri finali. JINNOTA f'dak ir-rigward li l-Qorti tinkludi biss fil-kalkoli tagħha finanzjament żborżat lir-riċevituri finali filwaqt li l-Kummissjoni tirrapporta wkoll bħala mobilizzat l-investment mistenni taħt operazzjonijiet approvati u ffirmati, inkluż finanzjament li għadu ma ġiex żborżat lir-riċevituri finali. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tiżdied it-trasparenza fir-rappurtar tal-FEIS u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżvela finanzjament iffirmit iżda mhux żborżat. JIRRIKONOXXI li l-Kummissjoni diġà qed tiżvela tali informazzjoni fir-rigward ta' InvestEU.
7. JINNOTA s-sejbiet tal-Qorti dwar aspetti oħra fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-multiplikatur, inkluż l-attribuzzjoni sħiħa lill-FEIS ta' investment mobilizzat minn prodotti mħallta abbażi tal-kombinazzjoni tal-FEIS ma' sorsi oħra ta' appoġġ tal-UE, ir-rikonoxximent tard ta' investimenti kkanċellati u d-dati ta' skadenza differenti fir-rappurtar tal-FEIS. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni lill-Qorti, u b'mod partikolari l-fehma tal-Kummissjoni dwar l-isfidi tad-diżaggregazzjoni taċ-ċifri tal-investment fi strutturi b'livelli differenti. JENFASIZZA madankollu l-importanza ta' attribuzzjoni preċiża tal-investment mobilizzat minn strumenti differenti tal-UE.

8. JILQA' l-osservazzjoni tal-Qorti li l-intermedjarji finanzjarji qiesu li t-tieqa tal-SMEs tal-FEIS ippermettiet investimenti fi prodotti ta' dejn li altrimenti kienu jkunu ineliġibbli, iffaċilitat volumi ogħla ta' investimenti fl-ekwiżità, u ġibdet investituri fl-ekwiżità addizzjonali. JENFASIZZA li l-FEIS appoġġa firxa wiesgħa ta' proġetti f'setturi ewlenin bħar-riċerka, l-enerġija, it-trasport, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-SMEs.
9. JINNOTA, madankollu, il-fehma tal-Qorti li ma ntweriex biżżejjed li l-investimenti ma setgħux jitwettqu, jew sal-istess punt, mingħajr il-FEIS. JIRRIKONOXXI l-limitazzjonijiet u l-kostijiet finanzjarji involuti f'eżerċizzji biex tiġi stmata l-kawżalità iżda JENFASIZZA li jistgħu jsiru aktar sforzi biex tiġi vvalutata l-addizzjonalità ex post tal-investimenti appoġġati mill-istrumenti tal-UE biex jiġi żgurat li l-fondi pubbliċi jkunu qed jixprunaw investment addizzjonali ġenwin. JIEĦU NOTA, f'dak ir-rigward, tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tiġi żviluppata metodoloġija għall-valutazzjoni ex post tal-addizzjonalità fi programmi futuri bl-użu ta' garanziji baġitarji tal-UE u JILQA' r-rieda tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni fi programmi futuri tal-UE permezz ta' s'tħarriġ immirat jew intervisti strutturati li għandhom jitwettqu f'evalwazzjonijiet indipendenti ex post futuri.
10. JILQA' s-sejba tal-Qorti dwar il-monitoraġġ adegwat tal-FEIS mill-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI u li l-operazzjonijiet tal-FEIS ġeneralment ikkonformaw mal-oġġettivi settorjali u ġeografiċi u laħqu l-mira tal-azzjoni klimatika.
11. JINNOTA s-sejbiet tal-Qorti dwar il-potenzjal għal monitoraġġ aktar komprensiv u JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jittejjeb ir-rappurtar dwar l-investimenti fl-ekwiżità barra mill-UE u dwar it-trasferiment tal-benefiċċji lir-riċevituri finali. JILQA' l-aċċettazzjoni parzjali tal-Kummissjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u JENFASIZZA l-ħtieġa li t-trasparenza tiġi bbilanċjata mal-proporzjonalità u s-simplifikazzjoni tar-rappurtar.
12. JILQA' l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jittejjeb l-iskrutinju tar-rapporti operazzjonali tal-FEIS u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-BEI biex itejbu l-konsistenza, l-akkuratezza u l-kompletezza tad-data tal-FEIS.
13. JIRRIKONOXXI li l-perjodu biex jiġu ffirmati kuntratti taħt il-FEIS intemm fl-2022 u JISTENNA B'INTERESS it-tlestija tal-operazzjonijiet garantiti kollha mill-FEIS.